22003D0024

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 24/2003

ta' l-14 ta' Marzu 2003

li temenda l-Anness I (Oqmsa veterinarji jew fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif mibdul mill-Protokoll li Jbidel l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem msejjaħ bħala "il-Ftehim" u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Annex I għall-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 157/2002 tas-6 Diċembru 2002 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/67/KE tat-28 ta' Jannar 2002 li tgħarraf il-karattru operattiv għal kollox tad-database Ġermaniż għall-annimali bovini ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Islanda u għall-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Taħt l-intestatura "ATTI LI L-ISTATI EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA EFTA GĦANDHOM JIT-QIESU B'MOD DOVUT", il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara il-punt 14 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/577/KE) fil-Parti 1.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim:

"15. **32002 D 0067**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/67/KE tat-28 ta' Jannar 2002 li tgħarraf il-karattru operattiv għal kollox tad-database Ġermaniż għall-annimali bovini (ĠU L 26, tat-30.1.2002, p. 17)."

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni 2002/67/KE fl-ilsien Norveġiż, li għandu jiġi ippublikat fis-Supliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, huwa awtentiku.

([1]) ĠU L 38, tat-13.2.2003, p. 3.
([2]) ĠU L 26 tat-30.1.2002, p. 17.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Marzu 2003, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ingħataw lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċizjoni għandha tiġi ippublikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Supliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' Marzu 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ma kienx hemm bonnijiet konstituzjonali indikati.